


## VELJA DJOĊESANA FIL-PARROĊĊA TAL-MUNXAR BIEX INFAKKRU L-1950 SENA MIN-NAWFRAĠJU TA' SAN PAWL

Nhar it-Tlieta 9 ta' Frar id-Djoċesi tagħna se tfakkar l-1950 sena mill-ġrajja tan-Nawfraġju tal-Appostlu Missierna San Pawl permezz ta' Velja Djoċesana li se ssir fil-Pjazza tal-Knisja tal-Munxar. Se tithejja tinda kbira fil-pjazza bis-siġġijiet, li fiha ssir il-Velja.

Il-Velja tikkonsisti f'quddiesa solenni, li matulha tinxtegħel ħuġġieġa fil-pjazza u jsir it-tiġdid tal-wegħdiet tal-Magħmudija. Wara l-quddiesa ssir traslazzjoni bir-relikwa ta' San Pawl u fl-aħħar tingħata l-barka permezz tar-relikwa.

## ŻJARA TAL-PAPA BENEDITTU XVI F'PAJJIŻNA Is-Sibt u l-Hadd, 17 u 18 ta' April

F'ittra li bagħat lill-President ta' Malta, l-E.T. Dr George Abela, fit-30 ta' Novembru li għadda, il-Papa kitiblu: *"Nilqa' bil-ferħ l-istedina tiegħek, u f'dan l-istess waqt nixtieq mill-ġdid nistqarr l-imħabba tiegħi għall-poplu Malti. Qed nistenna li niltaqa' mal-poplu Malti meta huwa jfakkar l-anniversarju importanti tal-miġja ta' San Pawlu fuq xtut artu. It-tifkira solenni ta' din il-ġrajja kbira żgur li se toffri lill-poplu Malti u, flimkien miegħu, lid-dinja kollha Kattolika, okkażjoni tajba biex huma jirriflettu dwar u jinżlu aktar fil-fond tal-fidi Nisranija."*

Bħala Għawdxin se nipparteċipaw bi ħġarna f'din il-ġrajja, speċjalment fil-quddiesa solenni fuq il-Fosos u fil-laqgħa maż-żgħażagħ fuq il-Valletta Waterfront nhar il-Ħadd 18 ta' April. 'Il quddiem nagħtu aktar dettalji.

### *Mill-Kalendarju Djoċesan*

| | |
|---|---|
| *It-Tlieta 9 ta' Frar:* | Velja Djoċesana fil-parroċċa tal-Munxar fl-okkażjoni tal-1950 min-Nawfraġju ta' San Pawl 6.00p.m. |
| *L-Erbgħa 10 ta' Frar:* | Solennita' tan-Nawfraġju ta' San Pawl. |
| *Il-Ħamis 11 ta' Frar:* | Is-17-il Jum Dinji tal-Morda. |
| *Il-Hadd 14 ta' Frar:* | Quddiesa ta' Jum il-Morda (Parroċċa San Lawrenz 10.30am). Huma mistiedna b'mod speċjali persuni anzjani, *carers* ta' anzjani u morda, u operaturi li jaħdmu mal-anzjani u l-morda. |

## It-Talba tal-ġimgħa

*Mulej Ġesu', anke aħna bħal Pietru ġie li ngħaddu mill-iljieli ta' dlam spiritwali u ma naraw ebda frott tal-ħidma u t-talb tagħna tagħna. Agħmel li jkollna attenzjoni għall-kelma tiegħek, u b'fiduċja sħiħa noqogħdu fuq dak li tgħidilna int.*





DJOĊESI TA' GHAWDEX

# Bullettin tal-Ħadd

Sena Saċerdotali 2009 - 2010

L-5 Hadd Matul is-Sena • Sena Ċ • L-40 Sena (2132) • 7 ta' Frar 2010



Darba l-kotra bdiet tross fuqu biex tisma' l-kelma ta' Alla. Hu kien qiegħed f'xatt l-għadira ta' Ġennesaret. U ra żewġ dgħajjes qegħdin max-xatt; is-sajjieda kienu niżlu minn fuqhom u kienu qegħdin jaħslu x-xbiek. Tela' fuq waħda minnhom, li kienet ta' Xmun, u talbu jaqla' kemmxejn 'il barra mill-art; mbagħad qagħad bilqiegħda u beda jgħallem lin-nies mid-dgħajsa. Meta temm li kellu jgħid, qal lil Xmun: "Aqdef 'il barra fil-fond, u kalaw ix-xbiek tagħkom għas-sajd." Wieġbu Xmun u qallu: "Mgħallem, għamilna lejl sħiħ nitħabtu u ma qbadna xejn. Imma, la qiegħed tgħid int, ħa nkala x-xbiek." Hekk għamlu, u qabdu kotra hekk kbira ta' ħut li x-xbiek tagħhom kien għoddu nqasam. Għalhekk għamlu sinjal lil sħabhom li kienu fid-dgħajsa l-oħra biex jiġu jgħinuhom. Dawk ġew, u mlew iż-żewġ dgħajjes hekk li għal ftit ma għerqux.
Xmun Pietru, kif ra dan, nxteħet f'riġlejn Ġesu' u qallu: "Tbiegħed minni, Mulej, għaliex jiena raġel midneb!" Għax baqgħu tassew mistagħġba, kemm hu u kemm dawk kollha li kienu miegħu, għal dik il-qabda ħut li qabdu. U hekk ukoll ġralhom Ġakbu u Ġwanni, ulied Żebedew, li kienu sħab Xmun. Mbagħad Ġesu' qal lil Xmun: "Tibżax; minn issa 'l quddiem tkun taqbad in-nies." Meta mbagħad ressqu d-dgħajjes ma' l-art, telqu kollox u marru warajh. **(Lq. 5, 1-11)**

### RIFLESSJONI

- Xmun u sħabu għaddew minn esperjenza tal-lejl, tad-dlam, tal-għejja u bla frott ta' xejn.
- Ġesu' jagħmel użu mid-dgħajsa biex ikun jista' jgħallem lin-nies li kienu għatxana għall-kelma ta' Alla.
- Wara li Ġesu' talbu biex jitfa' x-xibka għas-sajd, Pietru jurih id-diżappunt tiegħu li f'lejl sħiħ ma qabad xejn, iżda juri wkoll il-fiduċja sħiħa tiegħu fil-kelma ta' Ġesu'.
- Mingħajr ma kien jaf, minn dak il-ħin Pietru kellu jitfa' l-attenzjoni tiegħu fuq il-kelma tal-Imgħallem.
- Għas-sejħa li għamillu Ġesu', Pietru ħalla kollox u mar warajh biex issa jibda jmexxi d-dgħajsa ta' Ġesu' - il-Knisja, li fiha hemm post u xogħol għal kulħadd.
- Is-sejħa ta' Pietru kienet frott l-umilta' kbira tiegħu, fejn stqarr li huwa midneb, u anke l-fiduċja sħiħa li kellu f'Ġesu'.